

# Marija fil-Mużika (7)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

## It-Trijonf tas-Salib fil-Mużika

Huwa xieraq li fl-okkażjoni tal-ħarġa ta' din ir-rivista li titkellem dwar it-tifsira tas-Salib Imqaddes li għadu kemm tqiegħed f'nofs it-tribuna bażilikali fuq l-altar tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, nagħtu ħarsa lejn xi innijiet liturġiċi li tkanta l-Knisja biex bihom tagħti glorja lis-Salib ta' Kristu, l-għodda tas-salvazzjoni tagħna. Ta' min isemmi li fl-14 ta' Settembru l-Knisja tiċċelebra festa speċjali biex teżalta lis-Salib Imqaddes ta' Ġesù, ġurnata qabel ma tfakkar lil Ommna Marija fid-Duluri tagħha.

Wieħed mill-innijiet ta' tifħir lis-Salib ta' Kristu huwa *Vexilla Regis*, li huwa innu bil-lingwa Latina miktub mill-poeta Venantius Fortunatus, li kien Isqof ta' Poitiers fi Franza. L-isem ta' dan l-innu huwa meħud mill-ewwel versi tiegħu li għandhom dawn il-kelmiet: *"Vexilla Regis prodeunt / fulget carnis mysterium"* ("Is-sinjal tas-Sultan riesaq lejna / jiddi f'dawl misterjuż is-Salib"). Dan l-innu ġie kantat l-ewwel darba fid-19 ta' Novembru 569 waqt purċissjoni solenni li saret bir-Relikwa tas-Salib minn Tours għall-monasteru ddedikat lis-Salib Imqaddes fi Poitiers. Din ir-relikwa kienet mibgħuta mill-Imperatur Biżantin Ġustinu II min-naħa tal-Lvant fuq talba tar-Re Radegunda. L-użu oriġinali ta' dan l-innu waqt din il-purċissjoni huwa mfakkar fil-Missal Ruman, peress li dan l-innu jista' jingħad jew jitkanta fl-Azzjoni Liturġika ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira meta s-Sagrament Imqaddes jiġi ttrasportat mill-Altar tar-Ripożizzjoni għall-Altar Maġġur qabel isir ir-rit tat-Tqarbin Imqaddes. Fil-preżent, f'ħafna parroċċi madwar Malta u Għawdex, dan l-innu qed jitkanta waqt ir-rit tal-Adorazzjoni tas-Salib f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Madankollu, l-użu prinċipali tiegħu jinsab fl-Uffiċċju Divin. Fil-fatt, l-innu *Is-Sinjal tas-Sultan* jingħad fit-talba tal-Għasar bejn lejlet Ħadd il-Palm u l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa u fil-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib. Fl-antik, qabel ir-riforma tal-Konċilju Vatikan II, dan l-innu kien jitkanta wkoll fil-festa ta' Santu Kru li kienet issir fit-3 ta' Mejju; din il-festa kienet tfakkar is-sejba tas-Salib Imqaddes ta' Kristu



mill-Imperatriċi Santa Elena. Huwa interessanti li għalkemm din il-festa tneħħiet mill-Kalendarju Liturġiku, il-parroċċa ta' Birkirkara, li tqim lil Santa Elena bħala titular tagħha, għadha tiċċelebraha bi grad ta' solennità u kull sena għadha ssir purċissjoni solenni bl-istatwa titulari fit-3 ta' Mejju biex tfakkar din il-ġrajja importanti fil-ħajja tal-qaddisa protettriċi ta' dak ir-raħal.




Oriġinarjament, l-innu *Vexilla Regis* kien jikkonsisti fi tmien strofi. Fl-għaxar seklu, is-seba' u t-tmien strofi ġew sostitwiti bi strofi ġodda (*"O crux ave, spes unica"* u d-dossoloġija *"Te summa Deus Trinitas"*). Is-sinjali li jissemmew fl-ewwel strofa ta' dan l-innu ġew interpretati minn diversi Għorrief tal-Knisja li jfissru simbolikament il-Magħmudija, l-Ewkaristija u s-sagramenti l-oħra. Clichtoveus spjega li jekk it-terminu *vexilla* jfisser l-istendardi militari tas-slaten, bl-istess mod il-*vexilla* ta' Kristu huwa s-salib, il-kuruna tax-xewk, il-lanza u l-istrumenti l-oħra li ntużaw fil-Passjoni tal-Feddej tagħna, għax permezz tagħhom Kristu ġġieled kontra l-għadu l-qadim u "keċċa 'l barra lill-prinċep ta' din id-dinja''. Johann Wilhelm Kayser ħadha kontra dawn l-ideat u saħaq li l-istendard uniku ta' Kristu huwa s-salib, u jqabblu mas-simbolu tal-ajkla. Bħalma l-ajkla kienet tissimbolizza l-qawwa tal-Imperu Ruman, bl-istess mod is-salib jissimbolizza l-qawwa ta' Kristu kontra s-setgħa tad-dlamijiet. L-isplendur u t-trijonf tal-ewwel strofa ta' dan l-innu sublimi jistgħu jiġu apprezzati biss jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh l-okkażjoni li fiha tkanta għall-ewwel darba - il-purċissjoni trijonfali bir-Relikwa tas-Salib fil-preżenza ta' numru kbir ta' isqfijiet u slaten.

Bosta kompożituri użaw it-test ta' dan l-innu liturġiku biex ħolqu melodiji li fuqhom jista' jitkanta. Il-kompożitur Charles Gounod ħoloq melodija mill-aktar sempliċi bbażata fuq it-test ta' dan l-innu għax-xogħol tiegħu *March to Calvary*. Franz Liszt kiteb biċċa mużikali bl-isem *Vexilla Regis prodeunt* biex tindaqq fuq *solo piano*. Fl-ewwel parti ta' *La Divina Commedia*, il-karattru Virgilius jintroduċi lil Luċifru bil-frażi *"Vexilla Regis prodeunt inferni"*.

Kompożizzjoni oħra li ġġegħilna nirriflettu dwar il-Passjoni glorjuża tas-Salvatur tagħna hija l-oratorju *The Crucifixion* ta' John Stainer. Din il-kompożizzjoni hija miktuba għal kor b'erba' vuċijiet bl-akkumpanjament tal-orgni. Dan ix-xogħol mużikali jinkludi wkoll baxx u tenur.



It-test ġie miktub minn W.J. Sparrow Simpson, li kien l-awtur taż-żewġ oratorji preċedenti mmużikati minn Stainer: *The Daughter of Jairus* u *Mary Magdalene*. John Stainer iddedika dan

ix-xogħol miktub fl-1887 lill-istudent u ħabib tiegħu W. Hodge u lill-kor tal-knisja ta' Marylebone. Din il-kompożizzjoni ġiet esegwita għall-ewwel darba nhar l-24 ta' Frar 1887, l-għada ta' Ras ir-Randan. L-oratorju jirrakkonta l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. L-aktar movimenti li juru l-qawwa tas-Salib fir-rebħa ta' Kristu huma t-tmien moviment (*"And as Moses lifted up the serpent"*), it-tlettax-il moviment (*"The Mystery of the Intercession"*) u l-ħmistax-il moviment (*"The Adoration of the Crucified"*). Fit-tmien moviment l-awtur juża t-test tal-Vanġelu ta' San Ġwann fejn Kristu jistqarr li "bħalma Mosè refa' s-serp fid-deżert, hekk għad jintrefa' 'l fuq Bin il-Bniedem biex kulmin jemmen fih ma jintilifx". Din hija s-silta tal-Vanġelu li tinqara fil-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib. Jeżistu bosta arranġamenti orkestrali għal dan l-oratorju ta' John Stainer. Fil-fatt, arranġamenti riċenti ta' Craig Hawkins ġew esegwiti fi New York fl-2004 u f'Norwich, l-Ingilterra, fis-sena 2010.

Devozzjoni oħra importanti li tgħinna nimmeditaw l-akbar ġrajja fl-istorja tal-umanità hija l-*Via Crucis* li ħafna minna nitolbu ta' kuljum matul iż-żmien penitenzjali tar-Randan Imqaddes. Kien hemm numru ta' kompożituri li ħolqu melodiji differenti fuq it-test ta' din il-*Via Sagra*. Il-kompożitur Frans Liszt fl-1879 kiteb *Via Crucis* għal kor u solisti bl-akkumpanjament tal-pjanu jew orgni. Min-naħa tiegħu, Stefano Vagnini kiteb oratorju bl-isem *Via Crucis* fis-sena 2002. Dan ix-xogħol huwa miktub għal kor bl-akkumpanjament ta' xi strumenti tar-ram, strumenti tal-korda u orgni.



Innu li jagħti tislima lis-Salib Imqaddes ta' Kristu huwa *Ave Crux Santa*, miktub minn Tomas Luis de Victoria. Dan il-kompożitur huwa l-aktar wieħed sinifikanti fi Spanja u wieħed mill-aktar kompożituri importanti tal-era Rinaxximentali. Il-mużika tiegħu tirrifletti l-personalità tiegħu, il-passjoni tiegħu għall-mistiċiżmu Spanjol u l-espressjoni reliġjuża. L-innu *Ave Crux Santa* jagħti ġieħ lis-Salib ta' Kristu bħala għodda qaddisa li wasslet għas-salvazzjoni tal-umanità.

Innijiet oħrajn li jeżistu f'ġieħ is-Salib Imqaddes huma *Adoramus te Christe*, *Crucem tuam*, *Crux fidelis*, *O Crux benedicta*, *O Crux spes unica*, *Per signum Crucis*, *Sicus Moses serpentem*, u *Salvatur mundi*, fost oħrajn. Ma nistax ninsa l-innu *Salib, Sinjal ta' Mħabba* li jitkanta fil-Liturġija tas-Sigħat fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa; dan għandu kliem mill-isbaħ li sa nużah biex nagħlaq dan l-artiklu tiegħi għal din il-ħarġa:

"Salib, sinjal ta' mħabba,
int l-aqwa fost is-siġar,
mhemmx oħra tixbah lilek
fil-frott, fil-ward, fil-weraq!
O msiemer, għuda ħelwa,
x'piż ħelu rfajtu fuqkom!

O siġra kbira u għolja,
il-friegħi tiegħek baxxi,
u rattab l-ebusija
li tatek in-natura;
kun sodda ratba u xierqa
għall-ġisem tar-Re tagħna!". ♦

***Riferenzi:***
DEMAREST Bruce, *The Cross of Salvation: The Doctrine of Salvation.*
WALLACE Ronald, *The Atoning Death of Christ.*
Il-Liturġija tas-Sigħat.